**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 20 ta' Lulju, 2019**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Paul Camilleri)**

**vs**

**Matthew Vassallo**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Matthew Vassallo detentur tal-karta tal-identita' bi numru 432593(M), akkuzat talli nhar it-18 ta' Lulju, 2019 ghall-habta ta' 17:00 ta' wara nofsinhar u nhar it-18 ta' Lulju 2019 ghall-habta ta' 20:17 ta' bil-lejl, waqt li kont qieghed fuq il-computer tieghu**,** gewwa dar tieghu Nru.37 Ave Maria Triq Kottonera Birgu,

1. Permezz ta’ xi network jew apparat ta’ komunikazzjoni elettronika (*Computer*), hedded li jaghmel xi reat jew bil-hsieb li jiehu xi flus jew xi haga ohra jew biex jaghmel xi gwadann, jew bil-hsieb li jgieghel lil haddiema u sidien ta’ Alf Mizzi &Sons u Emmanuel Delicata Winemaker Ltd jaghmlu jew jonqsu milli jaghmlu xi haga, jew hedded li jakkuza jew li jaghmel ilment kontra taghhom, jew biex immalafama lil haddiema u sidien ta’ Alf Mizzi &Sons u Emmanuel Delicata Winemaker Ltd jew ghamel uzu iehor mhux xieraq bih.

2. Insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b’ mod iehor lil haddiema u sidien ta’ Alf Mizzi &Sons u Emmanuel Delicata Winemaker Ltd.

Il-Qorti giet mitluba li tordna l-konfiska tal-kompjuter tal-marka Dell li minnu sar ir-rejat.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta’ protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra Matthew Vassallo a beneficcju tal-haddiema u sidien ta’ Alf Mizzi &Sons u Emmanuel Delicata Winemaker Ltd, dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll li f’ kaz ta’ htija, biex tipprovdi ghall-haddiema u sidien ta’ Alf Mizzi &Sons u Emmanuel Delicata Winemaker Ltd jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil Matthew Vassallo b’ obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta’ somma ta’ flus li tigi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 382A u 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ghal zmien li thoss xieraq.

Il-Qorti giet mitluba f' kaz ta' htija li tohrog ordni ta' trattament, ghal beneficcju ta' Matthew Vassallo, dan fit-termini tal-Artikolu 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta

l-Qorti giet finalment mitluba li f' kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmi Matthew Vassallo sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata waqt l-udjenza ta' nhar l-20 ta' Lulju, 2019 ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b' mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m' ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri kif ukoll il-fatt li ghandu fedina penali nadifa.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 49(a)(b)(c) tal-Kap 39 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikoli 17 u 339(1)(c) tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah multa ta' sitt mitt ewro (€600).

**Magistrat**

**Graziella Abela**

**Deputat Registratur**